MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## KATJA PSAILA SAVONA

Seduta tal-11 ta' Gunju, 2014

Talba Numru. 418/2013

**Mobisle Communications Limited (C-24655)**

**Vs**

**Ellen McGrattan (K.I. 48039A)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu s-socjeta' attrici ppremmettiet illi l-konvenuta ghandha thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' erbgha mija u tmienja u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€448.16c), liema ammont huwa in konnessjoni ma' servizzi ta' kommunikazzjoni bl-akkont numru A/C50993844 moghtija mis-socjeta' attrici skont l-annessi dokumenti mmarkati Dok IZY1 u Dok IZY2 prospett u ftehim ghall-akkont relattiv u Dok IZY3 – estratt mir-Registru Elettorali , u Dok IZY4 – kopja ta' ittra ufficjali ghat-tenur tal-Artikolu 166A tal-Kapitolu 12.

Illi l-konvenuta giet interpellat sabiex thallas izda baqghet inadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali kontra l-konvenuta li minn issa hija ngunta ghas-subizzjoni.

Ra mill-atti li l-konvenuta baqghet ma prezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata u lanqas ma dehret ghas-seduti li nzammu quddiem it-Tribunal.

Ra li gie prezentat kapitolu fl-4 ta' Gunju, 2014 mill-Avukat Dr Keith Grech u l-fatt li l-konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondih u ghalhekk ghandu jitqies bhala mistqarr.

Illi t-Tribunal jidhirlu li l-konvenuta naqset milli tipprova l-kaz taghha quddiem dan it-Tribunal.

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici fl-ammont ta' erbgha mija u tmienja u erbghin ewro u sittax-il centezmu (€448.16c) u dan bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali skont kif mitlub fl-avviz ta' din it-talba sal-pagament effettiv.

## < Sentenza Finali >

---------------------------------TMIEM---------------------------------